

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0070/07

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Jan Andersson f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, Pervenche Berès f'isem il-
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
lill-Kummissjoni

Suġġett: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "L-Interess Ewropew: Suċċess fl-epoka ta' globalizzazzjoni" (COM(2007)0581 finali)

Kif bi nsiiebha l-Kummissjoni tiżgura l-integrazzjoni u l-viżibilità tad-dimensjoni soċjali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, u partikolarment fil-Linji Gwida Integrati (IGs)? Kif bi nsiiebha l-Kummissjoni tagħti iktar attenzjoni għall-inklużjoni attiva u għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, tippromwovi narsien soċjali adegwat u ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-faqar?

Xi pjanijiet għandha l-Kummissjoni biex tindirizza l-varjazzjoni wiesgħa min-naħa ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni u fl-effettività tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi? Kif bi nsiiebha l-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri japplikaw b'mod iktar komprensiv l-indikaturi u l-miri ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi (EES), l-istrumenti għat-tagħlim tul il-ħajja u miżuri stipulati fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ u l-patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi? Il-Kummissjoni qed tippjana biex tinkorpora dawn l-impenji fl-IGs sabiex tippromwovi EES iktar koerenti u effettiva?

Kif bi nsiiebha l-Kummissjoni tippromwovi s-sjieda u żżid l-involviment tal-parlamenti nazzjonali, ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali u ta' l-imsieħba soċjali fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u partikolarment fi nħdan il-proċess tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma?

Il-Kummissjoni kif se tiġġudika l-impatt u r-rilevanza ta' l-IPGs u x-xewqa ta' l-Istati Membri biex jirrifurmaw l-ekonomija u s-swieq tax-xogħol tagħhom? Jekk il-Kummissjoni tara xi rilevanza għal dan l-istrument ekonomiku, kif bi nsiieba l-Kummissjoni tiżgura gwida iktar koerenti għall-Istati Membri dwar sfidi ġodda bħall-kriżi finanzjarja u l-bidla fil-klima u l-koordinazzjoni tar-riformi li qed iseħħu fl-Istati Membri?

Il-Kummissjoni kif tqis l-impatt ta' investimenti fl-ekonomija ta' l-UE minn fondi sovrani ta' pajjiżi terzi, b'mod partikulari fejn investimenti minn fondi ta' l-UE fl-ekonomiji tagħhom huma ristretti jew impossibbli? Għandhom jiġu introdotti miżuri ġodda biex l-UE titqiegħed f'pożizzjoni kompetittiva ugwali fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi?

Il-Kunsill Ewropew, kemm f'Ottubru 2007 u kemm f'Marzu 2008, hu mitlub li jiġbor flimkien l-istrumenti ekonomiċi differenti u li jirrispondi b'mod koerenti għall-isfidi esterni u interni. Skond l-opinjoni tal-Kummissjoni, dan il-għan kif jista' jiġi implimentat, b'mod partikulari bl-istrumenti ekonomiċi preżenti?

Imressqa: 18.10.2007

Mibgħuta: 22.10.2007

Skadenza: 29.10.2007